# 315. Neruni *

Ixxurtjat int, Neruni, li stajt tara
il-fjammi kbar ta’ Ruma n-nar mogħtija,
il-maesta’ tan-nar tiddi fix-xmara,
u tħammar fis-smewwiet bis-sħab mimlija!

Kemm ħassejt gost kif rajt in-nar bil-ħrara
idawwar il-palazzi u d-djar beltija;
ħelwa daqs l-għasel waslet ħdejk aħħara
tal-belt li qiegħda taqbad it-tislija!

Aħna mhux hekk. Qatt u qatt ix-xena
tal-maesta’ tan-nar lilna ma tilma;
mal-ewwel ħruq, mat-toroq is-sirena

Tidwi mar-rġiel bil-elmu tal-azzar,
u dlielem, pompi, manek, raxx tal-ilma!
għalina qatt il-maesta’ tan-nar!

** bid-dejn ma’ Sir Max Beerbhom*